MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 29/2008

**IL-PULIZIJA**
**SUPRETENDENT ALEXANDRA MAMO**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**Abuagela Elmhadbi 37 sena, iben Amer u Deba nee' Country, imwieled Tripoli, Libja, nhar id-19.06.1973, residenti fil-fond 30, Triq Guze' Muscact, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 49150L;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **Abuagela Elmhadii** li gie akkuzat talli:

1. Fil-Floriana nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar, 2008 ghal habta tad-8.45p.m. attakka jew ghamel resistenza bi

vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Grazio Genovese I.D. 35461(M) liema persuna huwa nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u kkagunalu griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Grazio Genovese skond kif medicament iccertifikat minn Dr Robert Patiniott M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

2. Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ghamel offiza fuq Grazio Genovese liema persuna hija nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Akkuzat wkoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, hsejjes jew b'mod iehor;

Rat l-interrogatorju fejn l-imputat wiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza hemm allegat illi l-imputat kien verbalment attakka lil certu Herman Buhagiar ghax beda jdur mat-truck tieghu. Dan Buhagiar mar jirrapporta lil imputat lill-membri tal-Awtorita'. Certu Grazio Genovese u Pawlu Mifsud hargu sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni bejn Buhagiar u l-imputat.

Illi l-akkuzi fil-fatt jiccentraw fuq il-fatt li l-imputat spicca aggredixxa lil Grazio Genovese, tant illi kkagunalu offiza ta' natura gravi – u dan skond ix-xhieda ta' Dr Robert Patiniott M.D.

Illi minn naha tieghu fil-fatt dan Genovese xehed kif kien gie aggredit mill-imputat u li dan l-imputat beda jaghmillu idejh ma' wiccu u anke jghajjat f'wiccu. Xehed li wkoll kien laqtu f'wiccu. Hawn ix-xhud jghid li kien imbotta lill-imputat. Minn naha tieghu l-imputat kien rega' laqtu f'wiccu. Xehed wkoll li l-imputat beda jsabbat u jaghti bis-sieq mal- barriers li hemm mal-vagun u kien qattaghlu l-flokk u l-ingravata.

Xehed in konformita' ma' dan ufficjal iehor ta' l-Awtorita, certu' Paul Mifsud li kkonferma r-rapport li l-imputat kien illetika ma' certu Herman Buhagiar. Xehed li fil-fatt kien hu li kien qed ikellem lil dan Buhagiar meta l-kollega tieghu Genovese beda jkellem lill imputat biex jigi stabbilit x'gara, Xehed Mifsud li f'daqqa wahda hares u sab lil Genovese u lill-imputat go xulxin, jitkellmu b'lehen gholi. Jghid li go xulxin ried jispjega li kienu vicin hafna. Qal li wara ra lil siehbu, b'xi haga mill jersey mqatta, b'referenza ghall-ispalletta.

Minn naha tieghu l-imputat ghazel li jixhed viva voce, u kien anke rrillaxxja stqarrija fi stadju ta' investigazzjoni.

Tista tghid li fit-tnejn huwa kien ta l-istess verzjoni cioe' li huwa kien qed jistrieh bejn vjagg u iehor, vicin fejn jarma l-monti. Hemm induna li kien hemm persuna li kienet qed tipprova titlaghlu fit-truck, Buhagiar jghid li l-imputat kien staqsieh x'ried u spjegalu li huwa gia kien gie misruq drabi ohra. Dan Buhagiar fuq tali allegazzjoni mar jirropportah lill vagun. Hawn jghid id-deponanti tal-ADT kienu aggredewh fis-sens li bdew jghedduh ghax hu kien Gharbi, u li kienu ser jiehdulu l-licenzja. Ammetta li hu kien jiggestikula biex jitkellem u li kien Genovese li aggredieh u li huwa kien iddefenda ruhu.

Tlett xhieda ndipendenti certu Doris Galea, Michael Borg u Michael Cassar ikkonfermaw dak li qal l-imputat. Galea

xehdet li kienet rat guvnott jmiss it-truck tal-imputat, imisslu l-bieba. Rat li tal-ADT kienu hargu rrabjati ghax-xufier, tant li bdew jghidulu Gharbi, u anke wiehed minnhom beda jaghmel idejh ma wiccu. Xehdet li tal-ADT beda anke jghid lix-xufier li kien ser johodlu l-licenzja u li ghax ma kienx Malti kienu sejrin ikeccuh minn Malta.

Minn naha tieghu Raymond Cassar qal li hu bien bus driver u bus owner. Ikkonferma li l-imputat kellu argument ma xi hadd meta kien ipparkjat l-isfel fl-imwarrab. Induna li wiehed minnhom kellu bzonn xi flus u ried jidhol got truck ghalijhom.

Jghid li flok tal-vagun kienu cemplu lil Pulizija qabdu jiggieldu mieghu (mal-imputat).

Jghid wkoll li tal-ADT iccalingjawh ghal glied. Jghid li hu stess avza lil imputat biex ma jaqlax idejh. Xehed li ma tawx bl-idejn.

Michael Borg minn naha tieghu qal li hu kien inspector mal-ADT. Jghid dwar l-argument li dan kien inqala, billi tal-Awtorita kienu hargu mill-vagun u bdew jilletikaw max-xufier. Heddewh li ma kienx Malti u kienu se jiehdulu t-tag, u li ma kellux johodha mal-Maltin, u anke beda jaghmel subajh ma wiccu.

Illi certament il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet differenti. Illi ghalhekk f'tali dubbju il-Qorti anke ghax temmen li x-xhieda ndipendenti tqis li l-imputat ghandu jigi liberat. Illi pero' in-vista ta' tali xhieda, li ghal kollox jikkontradixxu lil Genovese u Mifsud, tqis li dawn ma kienux veritieri fid-deposizzjoni taghhom u ghalhekk ghandhom jirrispondu ghar-reat ta' spergur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------